**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Ian J. Abdilla)**

**Vs**

**Kenneth De Martino**

Kumpilazzjoni Numru: 1177/2011

Illum, 4 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kenneth De Martino ta' 51 sena, bin Joseph u Josephine nee' Fenech Soler, imwieled Sliema fil-11 ta' Lulju 1960 u residenti f' 'Shanti Nivas', Triq il-Harrub, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 467360M:

Talli f'Novembru 2010 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, personalment u/jew fil-kapacita' tieghu bhala direttur tal-kumpanija K D Travel Services Limited (bin-numru tar-registrazzjoni C23603):

1. Irrenda ruhu komplici billi ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt; jew geghel li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, weghdiet, maniggi jew eghmil qarrieqi, inkella b'abbuz ta' awtorita' jew setgha, inkella ta struzzjonijiet biex isir delitt; jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti li bihom b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza

ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Gvern ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Il-Qorti ntalbet sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 18, 42, 310A, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
Fl-artikoli 18, 310A, 188 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li fis-snin indikati fl-akkuza huwa kien komplici fit-twettiq ta' frodi u li fil-kapacita' li tharrek kien l-awtur li saret dikjarazzjoni falza jew inghata taghrif falz f'dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika.

L-imputat gie mharrek f'ismu personali kif ukoll fil-kapacita' tieghu bhala direttur tal-kumpanija K D Travel Services Limited.

Illi l-fatti u dak li ta lok ghall-proceduri odjerni huma s-segwenti:

Illi l-imputat huwa managing director ta' KDM group of companies. Kif spjegat minnu, il-main company hija KDM Holdings Limited liema kumpanija ghandha ishma f'diversi kumpaniji li jaqghu tahtha. KD Travel Services Company Limited hija l-ewwel kumpanija li fetah u li flimkien ma' ohrajn huwa direttur taghha. Ir-rwol tieghu huwa Business Development, Strategy and Policy.

Jirrizulta li fis-sena 2003 kien gie deciz mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li jinhareg tender sabiex ikun hemm agenzija li tiehu hsieb ix-xiri tal-biljetti ghall-ivvjaggar. Dan it-tender intrebah minn KD Travel Services Limited. Gie ffirmat ftehim bejn iz-zewg partijiet koncernati w allura x-xiri tal-biljetti tal-ajru bdew isiru minn KD Travel Services Limited.

Malta saret membru shih tal-Unjoni Ewropeja fl-1 ta' Mejju tas-sena 2004.

Jirrizulta li permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu 2007, il-Kumitat tar-Regjuni informa lil OLAF li fil-kors tal-investigazzjonijiet maghmula kienet identifikat potenzjalment irregolaritajiet mid-delegazzjoni Maltija fit-talbiet ghal rimbors tal-biljetti tal-ivvjaggar sabiex il-membri jattendu l-laqghat tal-Kumitat tar-Regjuni u dan referebilment ghall-perjodu minn Frar 2004 sa Frar 2007[1].

Imbaghad permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2007, il-Qorti tal-Awdituri, li ukoll kienet wettqet awditjar tal-Kumitat tar-Regjuni fil-perjodu relevanti fuq imsemmi, ikkomunikat ukoll mal-OLAF biex tirrapporta l-istess kwistjoni u dan sar b'mod indipendenti mill-Kumitat tar-Regjuni.

[1] Ara Interim Case Report

F'Novembru tas-sena 2008, l-ex-Spettur Ivan Cilia jixhed[2] li l-Internal Audit Investigating Department (IAID) mar fuq is-sezzjoni tieghu u spjegalhom li l-OLAF kienu qeghdin iwettqu investigazzjoni dwar hlas ta' biljetti ghall-membri tal-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali biex jattendu laqghat gewwa l-Ewropa, il-maggiorparti tal-laqghat imsejhin tal-Kumitat tar-Regjuni. L-investigazzjoni kienet dwar suspett li l-prezz li kienet qeghda thallas l-Unjoni Ewropeja ghall-biljetti biex dawn il-membri jsiefru kien qieghed jigi minfuh aktar mill-prezz veru. Is-suspett kien peress li kien qieghed jintalab hafna drabi hlas ta' LM599 ghal kull biljett minghajr distinzjoni.

F'dik l-istess sena kienet giet f'Malta delegazzjoni mill-OLAF u flimkien mal-pulizija, ma' Mario Debono u Chris Magri mill-IAID wettqu 2 spezzjonijiet ghallarrieda wara li kien inhareg mandat ta' perkwisizzjoni skont il-ligi – grupp nies kienu marru l-ufficcju tal-KD Travel f'Tas-Sliema u sabu lil Kenneth De Martino li kkopera bi shih u tahom l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li xtaqu. Grupp iehor ta' nies marru fl-ufficcji tal-Assocjazzjoni fejn ukoll sabu koperazzjoni shiha. Gew elevati diversi dokumenti mill-ufficcji rispettivi.

Sussegwentement l-OLAF ippubblikat rapport li gie mghoddi lill-Avukat Generali u eventwalment lis-sezzjoni tar-reati ekonomici fi hdan il-korp tal-pulizija. L-Ispettur Cilia jixhed li gie stabilit li KD Travel Agency kienet qeghda tohrog biljetti biex il-membri tal-Assocjazzjoni jivvjaggaw ghal-laqghat barra minn Malta. Meta l-membru partikolari jasal ghal-laqgha jissottometti invoice sabiex ikun jista' jithallas tal-ispejjez tal-ivvjaggar. Imbaghad il-fondi tal-ispejjez kienu jghaddu go kontijiet f'bank f'Malta fil-kont indikat mill-membru. Hafna mill-pagamenti saru fil-kont bankarju tal-Assocjazzjoni izda kien hemm pagamenti li ghaddew fil-kontijiet tal-membri li kienu vvjaggaw. L-OLAF ivverifikat mal-Lufthansa u hadu sample u rrizulta li kien hemm diskrepanza sostanzjali bejn id-dokumenti li ngabru mill-agenzija tal-ivvjaggar u mill-ufficcji tal-assocjazzjoni u l-ammonti li thallsu effettivament. Huwa kompla li f'hafna mill-kazijiet kien qieghed ikun hemm zewg invoices ghall-istess vjagg ossija wahda miktuba bl-idejn u l-ohra ggenerata mill-kompjuter u din tal-ahhar kien ikollha prezz baxx. L-invoice manwali kienet tigi sottomessa lill-Kumitat tar-Regjuni u l-pagament isir abbazi

2 Seduta tal-10 ta' Jannar 2011

taghha. L-agenzija kienet tithallas l-ammont baxx mentri l-Kumitat tar-Regjuni kien ihallas l-invoice gholja. Id-diskrepanza kienet tmur jew fil-kont tal-Assocjazzjoni jew fil-kont tal-membru personali ghalkemm eventwalment l-ammont zejjed il-membru kien ighaddih lill-istess assocjazzjoni.

Illi dwar dan ma jirrizultax li hemm wisq kontestazzjoni.

Hafna mill-bookings saru minn Dr Ian Micallef jew mis-segretarju ezekuttiv Oreste Alessandro u kienu jiddiljaw ma' Paul Cortis mill-agenzija tal-ivvjaggar KD Travel Services Limited.

Hemm qbil ukoll li l-membri tal-assocjazzjoni kienu ntitolati jsiefru business class. M'hemmx ukoll kontestazzjoni li l-Assocjazzjoni kellha d-dritt ukoll tirkupra spejjez amministrattivi.

L-ufficjal prosekutur xehed ukoll li l-perjodu relevanti huwa mis-sena 2004 sas-sena 2008.

**Frodi**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'komplicita' bir-reati kkontemplati fl-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali fuq medda ta' snin.

L-elementi rikjesti biex jissussisti dan ir-reat hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna[3].

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[4].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[5]

---

[3] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011

[4] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

[5] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[6].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[7].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[8]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward tal-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

---

[6] Op cit pagna 357

[7] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.

[8] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*"**Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*.... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "**hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.**"*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "**kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.**"*

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "**l'elemento del'danno patrimoniale**" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "**I tre***

***momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi kif diga' gie spjegat aktar 'il fuq dak li kien qieghed jigri f'hafna mill-kazijiet fl-invoice manwali kien qieghed jintalab ammont li kien oghla minn dak li kien jithallas eventwalment lill-agenzija tal-ivvjaggar. L-Assocjazzjoni ssostni li din id-differenza fil-prezz kienet tirraprezenta spejjez amministrattivi li fl-ahhar mill-ahhar kienu intitolati ghalihom.

Din il-Qorti wara li fliet sewwa l-atti u d-dokumenti ezebiti ma taqbilx ma tali sottomissjoni fis-sens li filwaqt li huwa minnu li kien hemm dritt ghall-irkupru ta' spejjez amministrattivi, l-ammont mizjud ma kienx dejjem jirraprezenta spejjez amministrattivi izda f'diversi drabi kien mezz sabiex l-Assocjazzjoni jkollha aktar fondi a disposizzjoni taghha sabiex ikunu jistghu jintuzaw per ezempju biex jigi kopert il-hlas tal-vjagg tas-segretarju ezekuttiv.

L-istess ufficjal prosekutur[9] xehed li s-segretarju ezekuttiv spjegalu li l-KD Travel kien johrog zewg invoices ghall-istess titjira, wahda invoice gholja u l-ohra invoice bi prezz baxx. L-invoice bil-prezz gholi kienet tinghata lill-Kumitat tar-Regjuni meta d-delegat kien imur ghall-konferenza u jipprezentaha. L-invoice bil-prezz il-baxx kien idahhalha fil-kontijiet tal-Assocjazzjoni u meta jircievu r-refunds dawn ir-refunds kienu jidhlu qishom refunds normali. Ir-reconciliation li kien isir ma kinitx tohrog din il-kwistjoni, kienet tmur mal-ohrajn u d-differenza tal-prezz baxx u prezz gholi kienet tmur mal-kumplament tal-income u r-refund li jircievu kienet tircevih l-Assocjazzjoni bhala qliegh.

Ghalhekk din il-Qorti kkonkludiet li fil-fatt ir-reat ta' frodi twettaq. Izda fil-kaz odjern l-ezami li jehtieg li twettaq il-Qorti imur oltre'. Kif diga' gie sottolineat l-imputat qieghed jigi addebitat b'komplicita' fil-frodi mwettqa.

Kif sottomess korrettement mill-abbli difensur tal-imputat, ir-responsabilita' penali tista' tirrizulta fi tlett metodi – dik personali ghaliex individwu jwettaq xi reat; responsabilita' vikarja; u wara l-emendi pjuttost recenti, corporate liability.

Huwa evidenti min-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali kif ukoll minn dak li rrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz li qed jigi eskluz li l-imputat wettaq dak li qed jigi addebitat lilu personalment.

L-abbli difensur issottometta wkoll li r-responsabilita' vikarja wkoll giet eskluza fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju. L-ufficjal prosekutur in

[9] Seduta tat-2 ta' April 2012

kontro-ezami[10] fil-fatt ukoll jikkonferma li f'dan il-kaz si tratta ta' corporate liability.

Illi l-artikolu 121D tal-Kodici Kriminali fiz-zmien indikat kien jipprovdi:

*"Meta l-persuna li tinsab hatja ta' reat taht dan it-titolu tkun id-direttur, il-manager, is-segretarju jew xi ufficjal principali iehor ta' korp maghqud jew tkun persuna li jkollha setgha ta' rapprezentanza ta' tali korp jew ikollha awtorita' li tiehu decizjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorita' li tesercita kontroll fi hdan dak il-korp u r-reat li dik il-persuna tkun instabet hatja dwaru jkun sar ghall-beneficcju, sew f'parti sew ghal kollox, ta' dak il-korp maghqud, dik il-persuna ghandha ghall-finijiet ta' dan it-titolu titqies bhala li tkun vestita bir-rapprezentanza legali tal-istess korp maghqud li jista' jehel il-hlas ta' multa ta' mhux inqas minn 500 lira u mhux iktar minn 500,000 lira".*

Illi mill-atti jirrizulta li fis-sena 2003 l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali harget tender ghax-xiri tal-biljetti tal-ivvjaggar. K D Travel Services Limited rebhet dan it-tender. F'dan it-tender kien hemm certu kundizzjonijiet : (i) li jkun hemm travel consultant li eventwalment kien Paul Cortis fil-Branch tas-Sliema li kienet tmexxi l-corporate business; u (ii) li riedu jinhargu invoices individwali kif ukoll ricevuti fiskali. Il-ftehim (in segwitu ghat-tender mirbuh) gie ffirmat fl-1 ta' Settembru 2005 mill-imputat u kien ghal zmien tlett snin.

L-imputat innifsu ma kienx johrog la l-quotations u lanqas il-biljett tal-ajru. Dan huwa wkoll ikkonfermat in kontro-ezami mill-ufficjal prosekutur[11]. Waqt ix-xhieda tieghu, l-imputat spjega li l-quotations li hargu kienu fi Club Class u fil-fatt id-delegati siefru Club Class. L-imputat xehed li wara li gara dan kollu huwa fehem il-kumplessita' tal-industrija fis-sens li jista' jkollok tlett passiggieri hdejn xulxin u t-tlieta li huma jkunu bi prezz differenti : (i) fully flexible fare; (ii) partial flexible fare; u (iii) rack rate.

Fis-sena 2004 l-organizzazzjoni tieghu qalbet ghal fully IT based company u din fissret li l-handwritten invoices spiccaw u jekk xi hadd johrog invoice jaghmilha mis-sistema tieghu li jkollu quddiemu u li jigi indikat huwa l-prezz moghti mis-sistema Amadeus. Ma dan it-taqlib tas-sistema, l-organizzazzjoni tal-imputat kien fadlilha hafna

[10] Seduta tat-3 ta' Novembru 2014
[11] Seduta tat-3 ta' Novembru 2014

stationery qadima. L-invoices l-antiki kienu qed jintuzaw biex jissosdisfaw lill-klijenti taghhom u kienu jaghtuhom l-informazzjoni li riedu prezz ta' fully flexible ticket.

L-imputat xehed, minn dak li sar jaf wara li marru l-investigaturi tal-OLAF, li dak li kien qed jigri l-klijent kien jibghat email jew fuq telefown jitkellem mat-travel consultant u jiddeciedi x'tip ta' biljett se jiehu. Meta johrog dak il-biljett mis-sistema stess, ir-reservation tinqaleb f'booking. Dak iz-zmien kienu ghadhom b'paper booking billi kien johrog fizikament an airline ticket u dan kif anki jirrizulta mid-dokumenti ezebiti. Id-dokument manwali kien jimmarka li huwa 'invoice' izda din ma kinitx invoice ghaliex ma kinitx 'a request for payment' u din ma kinitx tidhol fis-sistema tal-accounts tas-socjeta'. L-invoice kienet dik li tidhol fis-sistema (iggenerata mill-kompjuter) li ma tistax tilghab maghha ghaliex l-airlines kollha u t-travel agents kollha huma abbinat fuq din is-sistema l-Amadeus Booking System. Fl-ahhar tax-xahar l-IATA bhala travel agent tghaddi l-informazzjoni kiemm inbieghu biljetti mis-sistema li nhargu bil-prezzijiet li jfisser li fl-ahhar tax-xahar permezz tal-Bank Settlement Plan trid thallas lill-IATA u bhala IATA jqassmu lil airlines.

L-imputat xehed ukoll dwar in-numru fuq l-invoice li jidhol fis-sistema : meta persuna kienet tibbukja ssir reservation fis-sistema u taghtik numru. Dak in-numru jibqa' abbinat mar-reservation sakemm johrog il-biljett imbaghad issir il-formal reservation jew it-ticket number. Dan in-numru jista' jinbidel jekk il-booking jaqa' u jsir booking gdid w allura n-numru jinbidel. Id-differenza fil-prezz bejn il-handwritten u l-invoice tirrizulta billi avolja fl-istess klassi jkun intalab a fully flexible ticket u imbaghad ikun intalab a less flexible ticket. Spjega wkoll li l-prezz ta' fully flexible business class ticket dejjem ikollu prezz specifiku ghaliex dak huwa l-prezz irrispettivament meta tibbukkjah.

L-imputat xehed ukoll li l-kumpanija tieghu ma kinitx taf li l-quotation manwali li kienet qed tinhareg mill-kumpanija kienet se tintuza' biex isir hlas ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja lill-Assocjazzjoni. Anzi huwa kien minghalih li l-Gvern Malti kien ihallas. Huwa jixhed li meta kien hemm tahditiet qabel ma gie konkluz it-tender qatt ma kien hemm diskors li se jintalbu quotations ta' fully flexible business tickets u li l-invoices seta' jkun li jinzlu.

Kull xahar l-imputat kien jivverifika l-management accounts u jara li l-invoices li nhargu sar il-hlas abbazi taghhom.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat stqarr li meta bdiet l-investigazzjoni u marru l-awdituri induna li dawn il-quotations handwriiten *were being used more than just a quotation.* Wara li harget l-istorja u tkellem mal-haddiema tieghu irrealizza li mhux l-ewwel darba li quotations li kienu johrogu mhux dejjem kienu jaqblu mal-biljett ahhari li kien johrog ghaliex kien ikun klassi differenti u meta l-impjegati ghamlu osservazzjoni kienu avzati li kienet il-procedura li kienu jridu quotation. Meta sar jaf b'dan kollu kien sopriz u ha l-passi biex ghamel printing ta' kotba apposta ghal quotations biex ma jkunx hemm uzu hazin tal-istationery.

Illi rrizulta wkoll mill-investigazzjonijiet li l-invoice (iggenerata mill-kompjuter) li kienet tohrog KD Travel Services Limited kien l-invoice ta' kemm effettivament sewa l-biljett. Is-socjeta' kienet tithallas l-ammont indikat fuq l-invoice u mhux dak indikat fuq il-handwritten quote. Dan ifisser li KD Travel Services Limited kienet tigbor dak li kienet intitolata ghalih ossija l-prezz tal-biljett tal-ajru u naturalment il-*commission* dovut lilha.

Mill-kwadru ta' dawn il-fatti din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-difiza u cioe' li rekwizit essenzjali ghal sejbien ta' htija ghal corporate liability il-legizlatur jezigi li tigi riskontrata htija fid-direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor tal-kumpanija f'dan il-kaz allura fl-imputat. M'hemmx dubju li l-imputat huwa direttur tal-kumpanija msemmija.

Illi wara li l-Qorti ezaminat l-atti u d-dokumenti tqis l-imputat ma ghandux jinstab hati ta' din l-ewwel imputazzjoni. Ir-ragunijiet huma diversi : fl-ewwel lok, irrizulta li l-impjegat ta' KD Travel Services Limited kien jghaddi lill-membru tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali relevanti l-quotation miktuba kif kien ikun mitlub u kienet tinhareg ukoll l-invoice iggenerata mis-sistema kompjuterizzata. Irrizulta li l-prezz indikat fil-quote manwali u fl-invoice proprja hafna drabi ma kienx ikun l-istess tant li f'hafna kazijiet fil-kwotazzjoni bil-miktub il-valur tal-prezz tal-biljett tal-ajru kien ikun ferm oghla mil-invoice liema invoice kienet tigi inkluza fis-sistema tal-accounts tal-kumpanija. F'dan l-istadju u f'din is-sentenza l-Qorti mhux se tezamina l-agir tal-impjegat Paul Cortis ta' KD Travel Services Limited

billi huwa wkoll qieghed jiffaccja proceduri kriminali . Il-persuni li kienu jsiefru f'hafna kazijiet kienu jipprezentaw il-quote manwali bil-prezz oghla. Ma giex ippruvat li l-imputat fl-istadju tat-tender jew forsi anki wara kien hemm xi talba jew diskussjonijiet min-naha tal-Assocjazzjoni mieghu li din il-quote manwali kienet mehtiega biex tigi prezentata lill-Kumitat tar-Regjuni. Dan ma jirrizultax lanqas mill-kundizzjonijiet tat-tender u l-ftehim li gie ffirmat bejn iz-zewg partijiet. L-uniku nuqqas li l-Qorti rriskontrat huwa li din il-Quote li kienet qed tinghata manwalment ma kienx hemm indikat fuqha li hija quotation. Izda dan il-fattur biss ma jistax iwassal ghal sejbien ta' htija. Il-fatt li dawn il-quotations gew prezentati lill-Kumitat tar-Regjuni minghajr il-konsapevolezza tal-imputat, l-istess imputat m'ghandux iwiegeb ghaliha huwa.

Fit-tieni lok kif gie sottomess korrettement mid-difiza il-maggiorparti tad-dokumenti li gew ezebiti f'dawn il-proceduri kienu elevati mill-ufficcju tal-KD Travel Services Limited. Li kieku l-imputat verament kien komplici ghal dak li kien qed isehh kellu kull opportunita' biex jehles mid-dokumenti li setghu jinkolpawh izda tant dan ma kienx il-kaz li nzammew id-dokumenti kollha.

Fl-ahharnett rekwizit importanti li wkoll irid jigi ppruvat ghal sejbien ta' htija ghal dak li jirrigwarda corporate liability hija li r-reat imwettaq mid-direttur ikun twettaq ghal beneficcju sew f'parti sew ghal kollox tal-korp maghqud. Certament li dan l-element huwa nieqes. Mhux korretta l-prosekuzzjoni meta tissottometti li l-beneficcju ghall-korp maghqud kien il-business iggenerat mit-tender. Il-kumpanija kienet obligata legalment li tesegwixxi l-ftehim milhuq ghaliex fin-nuqqas kienet tkun passibbli ghal proceduri civili fil-konfront taghha. Li kieku gie ppruvat li t-tender inghata bl-intiza li jkun hemm frodi allura s-sitwazzjoni kienet tkun differenti izda dan ma rrizultax. Anzi gie ppruvat li l-kumpanija thallset skont l-invoice mahruga w allura skont il-prezz tal-biljett tal-ajru li kien verament u attwalment thallas. Ghalhekk l-uniku qliegh li sar ma kienx minn reat izda mit-thaddim tal-kuntratt iffirmat skont il-ligi u kif pattwit.

Falsifikazzjoni

Illi referenza ssir ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Glen Debattista**[12]

*"Illi permezz ta' l-imputazzjonijiet tlieta sa tmienja l-imputat qed jigi addebitat b'diversi forom ta' falsifikazzjoni.*

*Illi fil-fatt il-Ligi taghna tipprovdi kemm dwar 'l hekk imsejjah falz materjali kif ukoll 'l hekk imsejjah falz ideologiku. Id-differenza bejn dawn il-forom ta' falsifikazzjoni tohrog cara minn dak li qalet il-Qorti ta'l-Appell Kriminali:*

*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: fil-waqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat f'l-essenza tieghu, fil-kaz tal-falz ideologiku d-dokument ikun falsifikat biss fis-sustanza tieghu u cioe fil-kontenut ideali tieghu; ikun hemm falsita materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero".*[13]

*Illi f'l-istess kaz hawn fuq kwotata dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideologiku u l-falz materjali abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tieghu). Min-naha l-ohra l-falz ideologiku meta ghalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' veridico, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.'*

*L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jghid:*

*Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato*[14]*.*

---

[12] Deciza fil-11 ta' Settembru, 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
[13] Ref Pulizija vs Paul Galea Appell Kriminali deciz 17.10.1997.
[14] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606.

*Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jghid l-awtur Ingliz Kenny:*

*Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not.Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[15]

*Illi l-istess Profs Mamo jirreferi ghad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jinghad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document."*[16]

*Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny johrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978:*

*The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris. …..As we have said…. the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered*[17]*."*

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat bhala l-awtur fil-falz ideologiku. L-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju abbina mal-

[15] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161.
[16] Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.

[17] Archbold ed.1997 pagina 1901 22-8.

artikolu 188 tal-Kodici Kriminali l-artikolu 310A tal-istess Kodici. Jirrizulta izda li l-artikolu 310A mhuwiex applikabbli ghall-artikolu 188 u dan jirrizulta mill-qari tal-istess Kodici. W allura l-corporate liability zgur li ma tistax tigi determinata. Jekk isir ezami hemmx responsabilita' vikarja inkwantu ghal din l-imputazzjoni hekk kif previst fl-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni l-Qorti tirreferi ghar-ragunijiet u konkluzjoni milhuqa inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni u a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghall-istess.

Fi kwalunkwe kaz ghall-kompletezza, din il-Qorti tikkonkludi li fil-fatt meta kienet qeghda tigi prezentata l-invoice manwali lill-Kumitat tar-Regjuni bl-indikazzjoni biss li kien il-prezz tal-biljett tal-ajru kien qieghed jinghata taghrif u dikjarazzjoni falza ghaliex dak il-prezz ma kienx verament jirreferi ghall-prezz li kien se jithallas ghat-titjira ut sic izda kien hemm ammont mizjud li kien qieghed jigi inkluz mal-prezz ghar-ragunijiet fuq indikati.

Madankollu sabiex il-Qorti ssib htija wiehed mill-elementi li jridu jigu sodisfatti huwa li dan id-dokument li kien qieghed jigi pprezentat irid ikun 'mahsub ghal xi awtorita' pubblika'. F'dan il-kaz dan id-dokument/dawn id-dokumenti kienu qeghdin jigu prezentati lill-Kumitat tar-Regjuni li huwa **korp konsultattiv** tal-UE maghmul minn rapprezentanti eletti lokali u regjonali mill-iStati Membru tal-UE[18]. Il-Kodici Kriminali ma jiddefinixxix x'inhi awtorita' pubblika. Fil-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta insibu definizzjoni fl-artikolu 469A(2) fejn il-ligi tipprovdi li "*awtorità pubblika*" *tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi."* Dan il-provvediment tal-ligi gie introdott permezz tal-ATT XXIV tas-sena 1995. Din il-Qorti tqis li din hija t-tifsira naturali li ghandha tinghata lill-kliem 'awtorita' pubblika'' u partikolarment tenut kont li hawn qeghdin nitrattaw fil-kamp kriminali m'ghandhiex tinghata xi interpretazzjoni estensiva tal-kliem.

Il-Qorti rat ukoll il-Kapitolu 490 fejn gie definit li "*amministrazzjoni pubblika*" *tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u d-Dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi".*

[18] Definizzjoni mehuda mill-website Europa.eu

Inoltre' ma jistax ma jigix innutat li per ezempju l-artikolu 121(4) tal-Kodici Kriminali gie emendat sabiex proprju jinkludi, fost ohrajn, ufficjal jew impjegat ta' organizzazzjoni internazzjonali jew korp internazzjonali jew sovranazzjonali etcetera.

Inoltre' jrid ukoll jigi rilevat li s-subartikolu (2) tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali li jistipula "*(2) Meta id-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiz ghal xi awtorita' pubblika, il-piena ghandha tkun dik ta' prigunerija li ma tkunx izjed…."* gie mizjud permezz tal-Att VII tas-sena 2010 permezz tad-disposizzjoni 8 tal-istess Att. Din id-disposizzjoni dahlet fis-sehh biss fl-20 ta' April 2012 permezz tal-Avviz Legali 122 tas-sena 2012. Ghalhekk anki jekk dak li twettaq kien jinkwadra ruhu fis-subartikolu (2) tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali billi dan is-sub-artikolu ma kienx fis-sehh u kien inezistenti ma jistax isib l-applikazzjoni tieghu ghaliex iz-zmien li qeghdin nitrattaw huma s-snin 2004 sas-sena 2008.

Din il-Qorti ma tistax ukoll ma tirrilevax li fuq il-versjoni Maltija tal-Kodici Kriminali li tinsab fuq is-sit elettroniku www.gov.mt m'hemmx indikazzjoni li dan is-sub-artikolu gie mizjud fis-sena 2010 izda biss li l-artikolu 188 gie mizjud permezz tal-ATT XIII tas-sena 1980 u ghalhekk jaghti l-impressjoni li anki s-subartikolu kien inkluz fis-sena 1980.

Ghalhekk l-imputat se jigi lliberat ukoll anki minn din l-imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat